MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1381/1993/1

**Anthony Catania f'ismu proprio w ghan-nom ta' wliedu minuri Marcelle w Marisa, Vincent Catania, Michael Catania w Rita mar Renato Tanti w l-istess Renato Tanti ghal kull interess li jista' jkollu ta' Villa Catania, Independence Avenue, Mosta**
**Vs**
**Maria Agius**

Kawza Nru:

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fid-09 ta' Novembru, 1993, li in forza taghha wara li ppremettew illi l-attur u martu Josephine li mietet 'ab intestato' fis-17 ta' Gunju 1993 u li kellha hamest itfal, tlieta minnhom maggiorenni w li huma ko-atturi fil-kawza odjerna u tnejn minuri, Marcelle w Marisa, pprestaw servigi lill-konvenuta w dana mis-sena 1975 sad-data tal-mewt ta' Josephine Catania.

Illi ta’ dawn is-servigi l-attur u martu, illum mejta, ma gewx kompensati billi l-konvenuta kienet dejjem tipprometti li meta tigi nieqsa hija kienet ser thallilhom il-gid kollu li kellha.

Illi l-attur kien ghal dawn l-ahhar tmintax il-sena, prokuratur tal-istess konvenuta, hlief ghal perjodu qasir ta’ erba’ xhur u cirka hames xhur ilu gie nfurmat mill-konvenuta li ma kellhiex izjed pjacir bih u appuntat prokuratur iehor u avzatu biex ma jkellimhix izjed.

Illi l-attur interpella lill-konvenuta tersaq ghal likwidazzjoni w hlas ta’ servigi resi minnu w minn martu waqt li kienet ghadha hajja baqghet indadempjenti.

Ghalhekk tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi w dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli ghall-hlas ta’ servigi resi mill-attur u minn martu waqt li dina kienet ghadha hajja.
2. Tillikwida l-kumpens dovut ghall-istess servigi resi kif fuq intqal.
3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi proprio et nomine in linea ta’ servigi dak il-kumpens li jigi hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Ottubru 1993 u tal-mandat ta’ sekwestru numru 2407/93 kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha ecepiet illi t-talba tal-atturi hija infondata fid-dritt u fil-fatt;

Illi fid-dritt l-atturi ma ghandhom l-ebda dritt li jitolbu hlas ghas-servigi stante li jekk huwa minnu dak li gie allegat fic-citazzjoni, (li jigi ppruvat li mhuwiex), mhuwiex logikament possibli li tfal li jkunu minuri, jipprestaw xi servigi;

Illi fil-fatt, kull meta Anthony Catania jew martu taw xi ghajnuna lill-konvenuta, dina izjed minn hallsithom;

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rad id-digriet ta' din il-Qorti, tal-4 ta' Frar, 1994, li in forza taghha gie nominat l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata fuq it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet u sabiex jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat l-affidavits li gew presentati mill-atturi;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali;

Rat ir-rapport ippresentat mill-perit legali fl-10 ta' Gunju, 2003, u minnu mahluf u ikkonfermat waqt l-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;
Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;
Ikkunsidrat;
Illi din hi kawza fejn l-atturi qed jallegaw li ppresstaw diversi servigi lill-konvenuta u dan mis-sena 1975 sal-1992. Is-servigi l-aktar li kienu jigu pprestati kienu minn Josephine Catania, illum mejta, mart l-attur Anthony Catania u omm l-atturi l-ohra, Marcelle, Maria, Vincent, Michael u Rita ahwa Catania.

Is-servigi waqfu ghax madwar sena qabel ma mietet Josephine Catania, din mardet u ma setghetx tibqa tiehu hsieb il-konvenuta kif kienet qabel u kienet waqfet tahslilha d-dar kif kienet qabel. Jinghad li qabel ma mietet mart l-attur, il-konvenuta kienet rikoverata fid-dar tal-anzjani Pax et Bonum, pero`, mart l-attur xorta baqghet tahslilha d-dar taghha kif riedet l-istess konvenuta. Meta mart l-attur, minhabba l-mard, waqfet taghmel dan ix-

xoghol, il-konvenuta donnha ntrefghet u bdiet tghid li kienet ser tqabbad lil haddiehor biex jaqdiha. Mart l-attur kienet hadet ghaliha, pero`, xorta wahda baqghet izurha fid-Dar sa ftit xhur qabel ma mietet. L-attur Anthony Catania kien ukoll jghin lill-martu tassisti lill-konvenuta, u kien anke inhatar prokuratur tal-konvenuta u kien jiehu hsieb izomm il-flus, id-deheb, u l-kotba tal-banek tal-konvenuta, u dawn zammhom sa ma talbithomlu lura u hu kien tahomlha. Il-konvenuta, kienet dejjem twieghed illi hi kienet se thalli lill-konjugi Catania il-gid kollu taghha meta tigi nieqsa, pero`, sa ma s-servigi gew terminati, huma ma kienu hadu xejn u ma gewx kumpensati ghas-servigi li rrendew mal-konvenuta.

Qabel ma din il-Qoti tittratta l-meritu, trid taghmel riferenza ghar-relazzjoni tal-perit legali, partikolarment ghall-paragrafu 16 tar-rapport, fejn il-perit legali osserva li l-preskrizzjoni applikabbli f'kazijiet fejn qed jintalab kumpens ghas-servigi huwa ta' hames snin, u peress li, fil-fehma tieghu, ma sarx rikonoxximent tal-obbligazzjoni da parti tal-konvenuta debitrici, ipproceda biex illimita l-indagini tieghu ghall-ahhar hames snin.

Bir-rispett kollu lejn l-abbli perit legali, din il-Qorti trid tirrimarka li ghalkemm dak sottomess jista jkun minnu guridikament, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni <u>ma gietx sollevata</u> f'dan il-kaz, u kif inhu maghruf, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhiex wahda minn dawk li tista' tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*, izda jehtieg li tali eccezzjoni, biex tkun trattata, tigi sollevata formalment – ara "<u>Manche` vs Said</u>", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2003. Intqal ukoll li biex Qorti tista` tiehu konjizzjoni ta` perjodu ta' preskrizzjoni, trid issir riferenza specifika ghall-artikolu determinat tal-ligi, u mhux lecitu li dik l-eccezzjoni tigi sollevata b'semplici indikazzjoni taz-zmien li allegatament skada minn fuq l-obbligazzjoni – ara "<u>Mizzi vs Bonello</u>" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Gunju, 2003. Il-Qorti, ghalhekk, mhux se tikkunsidra l-materja tal-preskrizzjoni li ma gietx sollevata f'dan il-kaz.

Ghar-rigward tal-meritu, hu veru li kien hemm epoka fil-gurisprudenza lokali, li, bejn wiehed u iehor, kien ikopri l-

perjodu bejn l-1890 u l-1958, meta l-posizzjoni kienet illi ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkolu tal-konsanguinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma biss inkomoda ruhu personalment, u dan sakemm ma jkunx hemm ukoll cirkostanzi li juru car illi tant mill-parti ta’ min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta’ kumpens – ara “Farrugia vs Farrugia”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Frar, 1938, u “Mifsud Speranza vs Frendo Randon”, deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Gunju, 1942. F’dan il-perjodu, f’kaz ta’ servigi prestati bejn parenti, s-servigi gew ritenuti prestati “*familiaritatis causa*” u kwindi l-presunzjoni kienet li ma kienx hemm il-hsieb ta’ kumpens ghas-servigi rezi. Fil-gurisprudenza aktar ricenti, pero`, anke ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta’ kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludelment il-gratuita`, sija pure minhabba relazzjonijiet ta` parentela – ara “Ellul vs Ellul” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta’ Frar, 1980, “Azzopardi vs Azzopardi”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Mejju, 1989, u “Attard vs Attard”, deciza min din il-Qorti fit-13 ta’ Ottubru, 1989. L-istess posizzjoni ittiehdet minn din il-Qorti fil-kawza “Gili vs Grixti”, deciza fit-3 ta’ Ottubru, 1991, meta ntqal li fin-nuqqas ta’ cirkostanzi li juru l-kuntrarju, kull servigi ghandu jigi ritenut prestat bi speranza ta’ kumpens, u wkoll fil-kawza “Borg vs Gaffiero”, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Marzu, 2003.

Fil-kawza “Agius vs Galea” deciza minn din il-Qorti fit-12 ta’ Frar, 1996, gie ribadit il-principju li l-gratwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment u ghalkemm, f’dak il-kaz, l-attrici rrendiet is-servigi *mad de cuius* ghax kien missierha, li safa wahdu wara l-mewt ta’ ommha u hi, bhala l-unika tifla fost zewg subien, hasset li ghandha tiehu hsieb missierha li ma kienx f’posizzjoni li jiehu hsieb lilu nnifsu, dan ma jfissirx li hi ma xtaqitx kumpens; lanqas il-fatt li ghal-sentejn ma resqetx talba ghall-kumpens, u ghamlet dan biss wara

nkwiet ma hutha fuq id-deheb ta’ ommha, ma fisser li hi ma kellhiex hsieb ta’ remunerazzjoni.

F’dan il-kaz ma jirrizultawx cirkostanzi li jindikaw li l-atturi ma kellhomx hsieb ta’ kumpens. Il-konvenuta tigi l-kugina ta’ missier l-attur Anthony Catania, u meta spiccat wahedha, l-attur u martu, Josephine, bdew iduru biha, u sahansitra mad-dar taghhom bnewlha kamra, b’kamra tal-banju maghha, fejn il-konvenuta kienet tmur torqod matul it-tmiem il-gimgha u kull meta kienet thoss il-htiega. Ghalkemm l-attur jghid li hu jien jistmahha daqs ommu, u qatt ma halliha nieqsa minn xejn, qatt ma rrinunzja ghal-kumpens li kien qed irrendilha. Ghalkemm il-konvenuta gieli tat xi haga zghira ta’ flus lill-attur u martu, u dawn gieli irrifjutawhom, dan ukoll ma jfissirx li huma r-rinunzjaw ghal kumpens, specjalment meta tqies li meta l-konvenuta kienet tghodilhom xi haga tal-flus kienet tghidilhom, “Dan mhux biex inhallaskhom, ghax li ghandi kollu ghalikom”. Fil-fatt, mill-provi prodotti jirrizulta li mhux l-ewwel darba li l-konvenuta kienet twieghed lill-konjugi Catania li kull ma kellha kien ghalihom talli kienu jaghmlu maghha, liema weghda qatt ma giet rifjutata jew imxejna mill-atturi, u dan jindika li huma qatt ma rrinunzjaw ghal-kumpens adegwat ghas-servigi li kienu jrendu.

Ghall-kull buon fini, jista’ jinghad li tali dikjarazzjoni u weghda da parti tal-beneficarja, kienet isservi wkoll bhala interruzzjoni ghal-preskrizzjoni kieku l-istess giet formalment sollevata (ara “Arapa vs Galdes”, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta’ Marzu, 1982, u “Bonavia vs Attard” deciza ukoll minn din il-Qorti fil-11 ta’ Novembru, 1994).

Kwindi jirrizulta, li l-atturi, personalment u bhala successuri ta’ Josephine Catania, ghandhom dritt jitolbu kumpens ghas-servigi li rrindew lill-konvenuta bejn l-1975 u l-1992, perjodu ta` sbatax-il sena.

Dwar il-quantum tal-kumpens, din il-Qorti fil-kawza, “Vassallo vs Aquilina”, deciza fid-29 ta’ Gunju, 1982, qalet li wiehed ghandu jzomm f’mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta’ l-attur mal-konvenut.

Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom.

F’dan il-kaz, fil-perjodu in kwistjoni, ma jidhirx li l-konvenuta qatt kienet *bed ridden* jew kellha bzonn xi forma ta’ ghajnuna ghal-bzonnijiet personali taghha, pero`, kienet tiddependi fuq l-atturi ghall-affarijiet kollha l-ohra taghha. L-attur Anthony Catania inghata prokura u kien jiehu hsieb il-finanzi tal-konvenuta u l-kotba tal-bank taghha; darba jew darbtejn fil-gimgha kien, flimkien mal-familja tieghu, johrogha dawra, u kull Sibt u Hadd, il-konvenuta kienet tmur tghix mall-atturi, u tiekol u torqod ghandhom. Mart l-attur kienet timpenja ruhha fil-qadi ta’ l-oggetti tad-dar tal-konvenuta: kienet tfarfar u tahsel id-dar kollha, tahsel il-hwejjeg, tixtrilha, u affarijiet ohra. Meta l-konvenuta dahlet fid-Dar tal-anzjani Pax et Bonum, mart l-attur xorta baqghet tiehu hsieb id-dar tal-konvenuta, u meta din ghamlet epoka ma riedetx tiekol mill-Istitut ghax dahallha f’rasha li s-sorijiet kienu qed jaghtuha l-ikel bil-valenu, kienet mart l-attur li kienet issajrilha u tehodilha l-ikel. Meta kienet fid-Dar tal-anzjani u jkollha bzonn xi haga kienet titlob dejjem lill-atturi u dawn kienu jaqduha. Meta kien ikollha bzonn tabib li, milli jidher, kien ikun ta’ spiss, l-atturi kienu jiehdu hsieb dan, u meta ddahlet l-isptar darbtejn ghal xi intervent kirukigu, kienu wkoll l-atturi li daru biha u mart l-attur kienet tmur taraha kulljum u tehodilha l-ikel; wara operazzjoni minnhom, il-konvenuta ghaddiet il-konvalesenza fid-dar tal-atturi fejn damet aktar minn xahar, bl-atturi jiehdu hsieb il-htigijiet kollha taghha. Il-konvenuta kienet ukoll involuta f’zewg kawzi l-Qorti, u kienu l-atturi li kienu jassistuha billi jmorru maghha ghal-laqghat kollha li kellha mal-avukat taghha u ghas-seduti kollha li kienu jsiru fil-Qorti; gie ikkalkulat li bejn avukat u Qorti, kienu jmorru maghha ghal dak l-iskop madwar darba fix-xahar u dan fuq medda ta’ tnax-il sena. Barra dan, jirrizulta li l-atturi wetqu diversi *errands* ohra skond kif kienet titlob il-konvenuta.

Mill-premess jidher li s-servigi li rrindew l-atturi u l-mejta Josephine Catania ma kienux ta' impenn kontinwu u ta' kull jum, fis-sens li, ghalkemm kienu jaqdu lill-konvenuta b'mod regolari u ta' spiss, l-impenn (hlief f'dak il-perjodu li l-konvenuta kienet tirkupra minn operazzjoni ghand l-atturi u f'dak il-perjodu li l-atturi kienu jippreparaw l-ikel kulljum ghall-konvenuta meta din kienet fid-Dar tal-anzjani u ma riedetx tiekol minn dak li jippreparawla d-Dar), kien wiehed spariodiku u mifrux matul is-sena. Il-konvenuta ma kellhiex bzonn kura kontinwa ghax kienet fuq saqajha u kapaci tiehu hsieb lilha nnifisha; ma kienetx marida jew mixhuta f'sodda fejn allura kienet tkun tirrikjedi assistenza kontinwa, konsistenti, 'l bicca l-kbira, f'hasil tal-persuna, tqandil u tibdil ta' anke l-hwejjeg intimi. Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, l-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f'dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "Zammit et vs Farrugia Sacco noe" deciza fit-28 ta' Gunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawza "Buhagiar noe vs Mifsud noe", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 1983, ghaz-zmien meta s-servigi kien ta' natura ordinarja u l-attrici kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha ghand id-de cuis u taghmilha l-facendi kollha tad-dar, il-kumpens moghti kien ta' LM 1 fil-gimgha, fil-waqt li ghas-snin ta' wara, meta d-de cuius kienet ta' sikwit timrad u kienet tmur tghix ghand l-attrici peress li kellha bzonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens moghti kien ta' LM 3 fil-gimgha.

Fil-fatt, minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghal-hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Delicata vs Saliba", deciza fit-22 ta' Mejju, 1989, hi bazata fuq kwazi – kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn minn jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv. Dan

iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kolha partikolari tal-kaz. Hekk, fil-kawza "Agius vs Galea", gia kwotata, din il-Qorti qalet li, fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-istat socjali u ekonomiku tal-beneficcjarju, u ghat-tifla li, ghal-diversi snin, kienet idur b'missierha li kien marid, jghix maghha fid-dar taghha, u jinqeda f'kollox bl-assistenza taghha, il-Qorti llikwidat kumpens ghal-darba wahda biss ta' LM 1500.

F'dan il-kaz, il-Qorti m'ghandhiex indikazzjoni tal-istat ekonomiku tal-konvenuta, ghalkemm, mill-assjern tal-proceduri, ma jidhirx li hija mara nieqsa, u, anzi, tidher persuna li taf tibza ghal-gidha. Is-servigi, minn naha l-ohra, kienu ta' certu impenn u importanza, izda, kif intwera, ma kienx jinvolvi kura ta' persuna marida jew mixhuta fis-sodda, izda pjuttost xoghol ta' amministrazzjoni ordinarja. Din il-Qorti, ghalhekk, ma taqbilx mal-perit legali li llikwida kumpens fuq bazi ta' LM 5 darbtejn fil-gimgha, izda thoss li, mehud kont in-natura tas-servigi resi, il-grad ta` parentela bejn il-partijiet, u l-livell tal-hajja fiz-zminijiet ta' llum – dejjem, pero`, fid-dawl tad-duttrina gurisprudenzjali li zzomm l-kumpens fil-limiti tal-moderazzjoni – l-kumpens ghandu jinhadem fuq kalkolu average ta' LM 5 fil-gimgha u dan ghal-perjodu ta' sbatax-il sena; b'hekk l-ammont dovut jitla` ghal – LM 4,420.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' LM 4,420 (erba` t'elef erbgha mija u ghoxrin liri Maltin) dovuta lill-atturi in linea ta' kumpens ghas-servigi rezi. L-imghaxijiet fuq din is-somma jibdew jidekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------